# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 23 TA’ MARZU 2001**

**Avviz Nru 668/99DM**

**Angela Debono**

**vs**

**Raymond Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallasha is-somma ta’erba’ mija sebgha u hamsin lira u erbatax il-centezmu (Lm457.14) oltre’ l-imghax legali mit-28 ta’ Awissu 1998 u dan ta’ danni sofferti mill-attrici fl-incident awtomobilistiku li gara fit-28 ta’ Awissu 1998 ghall-habta tan -12.30 ta’ wara nofs in-nhar bejn karozza GVN 221 misjuqa mill-konvenut u karozza KAV 407 misjuqa mill-attrici liema incident gara tort unikament tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra legali tat-18 ta’ Jannar 1999 u bl-ingunzzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Schembri fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident li sehh fit-28 ta' Awissu, 1998 sehh unikament tort ta' l-attrici;
2. Illi di piu' id-danni kkagunati fi-vettura misjuqa mill-konvenut jammontaw ghal mija tnejn u ghoxrin Lira Maltija (Lm112) liema somma ghandha tithallas mill-attrici stante li dan l-incident sehh tort ta' traskuragni, negligenza u imperizja da parti ta' l-istess attrici;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat illi:-

Il-verzjonijiet moghtija mill-kontendenti huma in generali l-istess fejn jirrigwardaw il-provenjenza u d-direzzjoni taghhom, il-post fejn habtu u fejn sar il-kuntatt bejn il-vetturi.

Ma jaqblux dwar ir-responsabilita' ghaliex l-attrici ssosstni li l-konvenut dahal gewwa l-"main road" minghajr id-debita attenzjoni, ostakola l-karreggjata taghha u ma ppermettielhiex li tiehu azzjoni evasiva.

Il-konvenut minn-naha tieghu jssosstni li qabel ma qasam il-karreggjata tal-attrici huwa ha l-prekawzjonijiet kollha u pproceda meta accerta ruhhu li l-istess karreggjata kienet libera u l-attrici habtet mieghu minhabba nuqqas ta attenzjoni da parti taghha.

Ma saret ebda allegazzjoni mill-konvenut li huwa kien f'xi mument wieqaf izda jallega li qasam it-triq principali u pproceda bil-mod wara vettura ohra.

Billi d-distanza li lahaq mexa l-konvenut fil-main road kienet wahda qasira hafna, iz-zmien bejn il-bidu tal-manuvra tieghu u l-habta kien ukoll qasir hafna u ghalhekk meta invada l-karreggjata tal-attrici din kienet bil-fors qedgha vicin u fil-vizwali tieghu fin-nuqqas ta prova ta xi velocita' straordinarja (li ma tirrizultax).

Ghalhekk il-kawza ta din il-kollizzjoni kien in-nuqqas ta debita esplorazzjoni tat-triq principali da parti tal-konvenut li ma osservax dak li fil-fatt kien prezenti u fil-vicin.

Inoltre kien ukoll obbligu tal-konvenut li ma jitlajjax meta kien qed jaqsam arterja principali tat-traffiku u li jaqsam

biss meta it-trajettorja tieghu ma tkunx ostakolata minn xi vettura ohra quddiemu.  Dawn l-obbligi l-konvenut ma osservahomx.

Ghalhekk issib li l-konvenut huwa unikament risponsabbli tal-kollizzjoni 'de quo' u ghalhekk ghad-danni rizultanti li, mid-dokumenti esibiti u d-deposizzjoni tal-attrici jammontaw ghas-somma mitluba LM457.14.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma mitluba ta' erba' mija sebgha u hamsin lira u erbatax il-centezmu (Lm457.14) oltre' l-imghax legali mit-28 ta' Awissu 1998 u dan in linea ta' danni sofferti mill-attrici fl-incident awtomobilistiku li gara fit-28 ta' Awissu 1998 ghall-habta tan -12.30 ta' wara nofs in-nhar bejn karozza GVN 221 misjuqa mill-konvenut u karozza KAV 407 misjuqa mill-attrici liema incident gara tort unikament tal-konvenut.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut

…………………………

Mag Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia

Dep.Reg

Civil 19